**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

L-Erbgħa 26 ta' Lulju 2017

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier, skazat

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Salvu Farrugia, skuzat

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 63.1 Introduzzjoni

63.1.1 Qabel bdiet il-laqgħa, il-Kunsill laqgħa lil żewġ residenti li joqgħodu fi sqaq Nru.1 Triq Preziosi, fejn qalu li l-problema ġo l-isqaq baqgħet tippersisti u xorta għadu isir *parking*.

63.1.2 Il-Kunsilliera preżenti qalu li jistgħu isiru bollards tal-plastic biex ma jsirx parkeġġ fl-isqaq u fl-istess ħin jekk jinqala każ ta' ambulanza tkun tista' tidħol għax dawn ikunu jistgħu jintlewew.

63.1.3 Il-Kunsill għad irid jikkonferma jekk ghandhomx isiru dawn il-bollards u r-residenti kollha ta' dik l-akwata jiġu nfurmati.

63.1.4 Is-sid tal-Każin PN ġie l-Kunsill ukoll biex jistaqsi lill-Kunsill jekk ikunx jista' japplika għal sena biex ikollu żewġ *bistro tables* barra il-każin peress li kien hemm xi residenti li irraportawh.

63.1.5 Is-Segretarju qalet li hija kient diġa tkellmet mal-Pulizija u qalu li fuq hekk il-Kunsill irid jiddeċiedi.

63.1.6 Wara li saret diskussjoni, il-Kunsill qabel li ser jingħatalu l-permess għal żewġ *cocktails* jew *bistro tables* mingħajr siġġijiet għal sena.

63.1.7 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi u l-Kunsill ħa deċiżjoni li kull min jitlob dan it-tip ta' permess jingħata diment li ma jkunx ta' ostaklu anke peress li ma jistax isir tipjip ġewwa.

63.1.8 Il-laqgħa bdiet fil-17.17 hrs b'introduzzjoni mis-Sindku.

63.1.9 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li s-Sur Salvu Farrugia kien skużat peress li kien ma jiflaħx.

63.1.10 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 62 tal-22 ta' Ġunju 2017.

63.1.11 Korrezzjonijiet ma kienx hemm. Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri minuti nr 62 bid-data tal-22 ta' Ġunju 2017 ġew approvati unanimament.

## 63.2 Punti mqajma mill-minuti

63.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lill-Kunsill li għandha terġa tinqala s-siġra tat-tina li hemm ħdejn il-Mitħna li kienet diġa inqalgħet mill-ħaddiema tal-Kunsill issa reġgħet bdiet tiela.

63.2.2 Għandhom jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill biex jerġgħu jaqilawha.

63.2.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet għaliex ir-reserved parking ta' quddiem il-Każin ta' Sant'Andrija għadu ma tneħħiex, wara li l-Kunsill irċieva n-notifika mingħand it-TM.

63.2.4 Is-Segretarju nfurmat li qabel ma jitneħħa dan ir-reserved li suppost jitneħħa mit-TM u mhux mill-Kunsill peress li meta sar kien sar mit-TM, hija tkellmet mat-tifla tar-residenta konċernata.

63.2.5 Din ir-residenta esprimit id-diffikultajiet li għandha li l-karozza tagħha tidħol bl-eżatt ġol-garage u li biex toħroġ lil l-ommha bil-wheelchair xorta waħda trid tipparkja l-karrozza minn quddiem il-bieb u talbet biex dan ma jitneħħiex.
63.2.6 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li peress li kienet deċiżjoni tat-TM biex dan jitneħħa, hija reġgħet bagħatet lit-TM biex dan ir-reserved parking jerġa jiġi iċċekkjat minnhom bħal biex jagħmlu ċerti li għandhom iċ-ċertifikati mit-tabib u biex jerġa jiġi t-tabib tat-TM 'on site' etc u wara tiġi riveduta.
63.2.7 Is-Segretarju nfurmat li hija ħasset li dan kien każ ġenwin u li hi ma ħadet l-ebda deċiżjoni la li jitneħħa u lanqas li ma jitneħħiex, id-deċiżjoni f'idejn it-TM.
63.2.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 62.2.9 fuq CCTV camera li għandha titpoġġa ħdejn il-bring-in-sites.
63.2.9 Hija qed tistaqsi jekk il-camera hiex ser tkun issettjata f'angolu wieħed jew tkunx qed iddur.
63.2.10 Għandna nistaqsu lill-GreenPak fuq dan biex din tiġi issettjata fuq angolu wieħed.
63.2.11 Is-Segretarju nfurmat li sa dakinhar stess kien sar kuntatt mal-GreenPak biex jagħtu l-approvazzjoni tagħhom fuq fejn il-Kunsill iddeċieda li jagħmel il-bring-in-sites.
63.2.12 Hija flimkien mas-Sindku u l-Kunsilliera qablu ukoll li għandha tintbagħat ċirkulari lir-residenti tal-madwar fejn jiġu nfurmati bil-*location* il-ġdida tal-Bring-in-Sites.
63.2.13 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 62.2.7 fuq il-post li l-Kunsill kien qabel biex jintrema ż-żibel f'Hal Mann.
63.2.14 Dan peress li meta l-ħaddiema tal-Kunsill marru biex inaddfu din l-area li l-Kunsill kien iddeċida, xi bdiewa qalulhom li hemm ser issir rampa u xatba.
63.2.15 Ġie deċiż li l-aħjar *option* għal post għandu ikun mal-kantuniera tar-residenti li għandhom il-camera fejn parti minna tmiss ma' ta' l-ambulanzi.
63.2.16 Is-Sinjorina Farrugia qalet li jekk ir-residenti ma jaċċettawx hemm alternattiva oħra li hija qabel tidħol għaċ-ċimiterju ta' l-Abbati għax hemmhekk hemm il-wisgħa li mhux ser iddejjaq lil ħadd.
63.2.17 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar, Viċi Sindku, qed tagħmel talba biex issir laqgħa mas-Sur Silvio Scerri tat-TM biex titkellem miegħu fuq il-*height restrictions* minħabba t-trukkijiet il-kbar li xorta qed jidħlu fir-raħal u jeħlu.
63.2.18 Il-Kunsill qabel u għandu isir għal bidu ta' Settembru jew inkella meta ikollha shutdown is-Sinjorina Cutajar għall-ġimgħa ta' Santa Marija. Hija għandha tiċċekkja dwar dan.

## 63.3 Komunikkazzjoni mingħand is-Sindku – VIP list

63.3.1 Resident li joqgħod Triq Enejja qed jagħmel talba biex faċċata tal-garaxx tiegħu biex isiru double yellow lines. Dan għaliex faċċata tal-entratura tal-garaxx tiegħu qed jipparkjaw il-karozzi u għalhekk huwa mhux dejjem jkun jista joħroġ peress li anke t-triq hija dejqa.
63.3.2 Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ġiet approvata.
63.3.3 Resident li ġej joqgħod fi Sqaq ta Sejduna qed jagħmel request biex mad-dar tiegħu Harrow fields (li tinstab l-aħħar dar f'dan l-isqaq) issir lampa tad-dawl għax it-triq qegħda fid-dlam ħafna. Barra minn hekk qed jitlob biex il-Kunsill jagħti każ l-istat ta' dan l-isqaq għax hemm ħafna ħaxix ħażin u għoli.
63.3.4 Fuq il-ħaxix ħażin u għoli għandu jiġi magħrraf il-kunrattur.
63.3.5 Il-Kunsill iddiskuta d-dawl ta' dan l-isqaq u esprima li f'dan l-isqaq hemm nuqqas ta'

dawl.

63.3.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed titlob li l-Enemalta jiġu 'on site' u jirreġistraw dawk il-lampi diġa eżistenti u li mhumiex irreġistrati u iżidu d-dawl li hemm bżonn.

63.3.7 Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.8 Kwotazzjoni tal-Perit Bezzina ghal ammont ta' €678.50, rigward il-pjan holistiku ta' traffiku fl-area ta' San Liċinju.

63.3.9 Din il-kwotazzjoni ġiet diskussa flimkien ma-kwotazzjonijiet ohra li tana l-perit li jammontaw għal €1291.50, fosthom jikkonsistu f'site plan għal *diagonal parking lines* fi Triq is-Salvatur u site plan fi Sqaq numru wieħed fi Triq Sant'Andrija.

63.3.10 Is-Segretarju nfurmat lill Kunsill li dan l-ammont huwa biss spejjes tal-perit biex jipprepara l-pjanti ghalhekk iridu jiżdiedu ukoll l-ispejjes tax-xogholijiet mill-Kuntrattur.

63.3.11 Il-kwotazzjoni l-oħra li s-Segretarju ressqet hija mingħand il-WM Environmental fuq żbir ta' siġra fi Triq Daniel Sammut kantuniera ma' Triq Ġiovanni Barbara għall-prezz ta' €401.79

63.3.12 Fuq din il-kwotazzjoni l-Kunsill qabel li għalissa ma jsir xejn peress li f'dik it-triq hemm xogħolijiet ta' kostruzzjoni ghaddej.

63.3.13 Fuq il-kwotazzjonijiet l-oħra l-Kunsill qabel li dawn ix-xogħolijiet għandhom isiru.

63.3.14 Fuq il-kwotazzjoni tal-pjan holistiku l-Kunsill qabel li qabel ma jsir ix-xogħol iridu jitlestew iż-żewġ *sites* li għandhom taħt kostruzzjoni li huma ħdejn il-Mitħna u anke il-kantuniera ta' Triq Santa Mansweta.

63.3.15 Il-Kunsill iddeċieda li għalissa isiru d-*diagonal parking bays* fi Triq is-Salvatur u s-site plan ta' sqaq numru 1 triq Sant'Andrija.

63.3.16 Residenta Dr. Lucianne Attard tixtieq tagħmel request għal mera fi Triq Annibale Preca minn naħa ta' sqaq it-tut għaliex minħabba l-*building site* ġiet perikoluża ħafna faċċata tal-mera eżistenti.

63.3.17 Saret diskussjoni fuq din ir-request u għandha tiġi kunsidrata wara li l-Kunsill immur 'on site' u jiċċekkja.

63.3.18 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill e-mail mingħand l-Assocjazzjoni rigward il-Ġimgha Ewropea tal-Mobilita'. Din il-ġimgħa ser tkun bejn 16 – 22 ta' Settembru 2017. (E-mail Annessa.) Deadline hija 31 t'Awwissu 2017.

63.3.19 Is-Sindku spjegat Programm ta' Attivitajiet

(i) Kompetizzjoni miftuħa għall-Kunsilli Lokali u NGO's sabiex jorganizzaw mobilta' sostenibli relatata ma' attivitajiet matul il-Ġimgħa 16 ta' Settembru 2017

(ii) Kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali sabiex jissottomettu proposta għal miżuri permanenti biex jippromwovu l-mobilta' sostenibbli u spazji, fejn l-aħjar żewġ sottomissjonijiet jirċievu grants li jassistu l-Kunsill Lokali fl-implimentazzjoni tagħhom

(iii) Attivitajiet fil-Car Free Day Nazzjonali (17 ta' Settembru) organizzata minn Kunsill Lokali jew grupp ta' Kunsilli Lokali

(iv) Ir-raba Bike Ride Nazzjonali (21 ta' settembru 2017)

(v) Attivita fil-World Car Free Day (17 ta' Settembru 2017)

63.3.20 Il-Kunsill iddeċieda li jidħol għall-Attivita' tal- Car Free day fis-17 ta' Settembru u jagħlaq il-Pjazza.

63.3.21 I Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi issuġerit li għal din l-attivita' għandna nistiednu lill-Kavellerija tal-Pulizija.

63.3.22 Il-Kunsill accetta dan is-suġġeriment.

63.3.23 Residenta li toqgħod 142/143 Triq il-Kbira qed tagħmel request biex jsiru culverts tal-ilma minn Triq il-Kunċizzjoni minn ħdejn il-mużew tas-subien sal-German Embassy minħabba l-ilma tax-xita. Dan għaliex l-ilma kollu jinżel sa quddiemha u meta jgħaddu l-karozzi jtajru l-ilma għal fuq il-faċċati u n-nies.

63.3.24 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u ra li dan huwa proġett kbir u jqum il-flus.

63.3.25 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi issuġeriet li għandna nitkellmu mar-residenti ta' Triq il-Kuncizzjoni, Sqaq numru 1 Triq il-Kunċizzjoni sal-German Embassy li minn għandu l-bjar jiftaħ l-aċċess għalihom biex l-ilma tax-xita jinżel hemm biex ma jintilifx

63.3.26 Is-Sindku u l-Kunsill qablu li naraw min huwa nteressat li jgħin f'dan il-proġett u inġibu l-costings u l-Kunsill joħroġ xi ħaġa żgħira.

63.3.27 Il-Kunsill iddeċieda li dan il-proġett għalissa jistenna.

63.3.28 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-problema tal-van tal-Kunsill.

63.3.29 Hija qalet li ilna minn Diċembru li għadda nistennew il-parts kollha li l-van għandu bżonn, saħansitra il-mechanic issa lanqas biss qed jirrispondi t-telephone kull meta inċemplulu, anke morna personalment imma għalxejn.

63.3.30 Il-Segretarju qed tisuġġerixxi li għandu jinxtara vann ieħor *second hand*. Il-problema hija li meta l-ħaddiem tal-Kunsill, s-Sur Michael Bedingfield, jirtira f'Marzu li ġej mhux ser ikun hemm ħadd li jkun jista' isuq.

63.3.31 Hija kompliet tgħid li l-IPSL qalu li diffiċli jiġi ħaddiem ieħor flok is-Sur Bedingfield.

63.3.32 Is-Segretarju nfurmat li hija qeda f'kuntatt anke bl-e-mail fejn saret request għal ħaddiem ieħor.

63.3.33 Wara diskussjoni, ġie deċiż mill-Kunsill li għandna nibgħatu ittra lid-dealers u naraw x'għandhom *available* bħal Isuzu, Toyota jew Nissan. Il-van irid ikun *four seater* u ikollu kaxxa wara.

63.3.34 Ġie deċiż ukoll mill-Kunsill li għalissa l-vann għandu jissewwa sakemm tkun iktar ċara.

63.3.35 Tressaq quddiem il-Kunsill rapport tal-Playground flimkien mal-kwotazzjonijiet fuq ir-rubber tal-play area u l-bandli.

63.3.36 Is-Segretarju nfurmat li fl-aħħar laqgħa kienet ressqet kwotazzjonijiet biex jinbidel ir-rubber u jerġa jitpoġġa ieħor bħalu imma xorta nibqgħu bil-problema meta jinbidlu l-istaguni dawn jagħmlu reazzjoni.

63.3.37 Hija qalet li kien ġie deċiż li jinġiebu kwotazzjonijet tal-Multi Purpose Pitch.

63.3.38 Dawn il-kwotazzjonijiet huma għoljin ħafna b'ammonti li jilħqu l-fuq minn €20,000.

63.3.39 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar u l-Kunsill qabel li għandna nistaqsu għal Payment terms.

63.3.40 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li qegħdin nistennew kwotazjonijiet għall-units tal-bandli.

63.3.41 Is-Sindku, għandha titkellem ma' min kien ipprovda r-rubber diġa u naraw jekk ikunux jistgħu jerġgħu jgħinuna billi jipprovdu iktar tiles biex għalissa ma jinqalax kollhu.

63.3.42 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hi xtaqet li terġa tirranġa d-dekasteri tal-Kunsilliera peress li is-Sur Salvu Farrugia għad m'għandu ebda doveri.

63.3.43 Peress li s-Sur Farrugia kien indispost u m'attendix il-laqgħa, s-Sindku, S-Sinjura Magri Naudi iddeċidiet li dan l-*item* tħallih għall-laqgħa li jmiss fit-30 t'Awwissu.

63.3.44 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi esprimit mal-Kusnill li anke fuq talba ta' xi residenti toħloq Sotto Kumitat fuq Traffic Management biex b'hekk ikun hemm *feedback* anke tan-nies.

63.3.45 Hija staqsiet lill-Kunsilliera min jixtieq minnhom li jkun fuq dan il-Kumitat.

63.3.46 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li lis-Sur Farrugia hija ser tagħmlu responssabli mit-traffiku allura huwa ikun fuq dan il-Kumitat jirrapreżenta lill-Kunsill u hija tkun ic-Chairperson

63.3.47 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issuġerit li, l-proposta ta' Dr. Maria Attard, li hija ukoll ser tkun fuq dan is-sotto kumitat u ċerti affarijiet li l-Kunsill jaqbel magħhom nagħduha lis-Sur Mario Fava, President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex hu jarah u ikun jista iressaqha biex tiġi approvata.

63.3.48 Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi qalet li l-ewwel jiltaqa' is-sotto kumitat u jiddiskutu u bil-proposti imorru għand tat-Traffic.

## 63.4 PROĠETT TA' TRAFFIKU F'NAXXAR ROAD U L-QTUGH TA' SIĠAR

63.4.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet ukoll fuq il-proġett li qed isir minn Transport Malta fejn nqatgħu s-siġar.

63.4.2 Hija qalet li wara li nqatgħu s-siġar ċemplula ħafna nies u anke mill-press jistaqsu għaliex ġara hekk.

63.4.3 Hija rrispondiet li dak huwa proġett tal-Gvern Ċentrali u mhux tal-Kunsill u ma ġejniex avżati meta kien ser jinbeda l-proġett u li ser jinqatgħu s-siġar.

63.4.4 Il-Kunsill iddiskuta dan u kulħadd qabel li l-iżball li sar huwa li s-siġar ma nqalgħux mir-roots.

63.4.5 Is-Sindku qalet ukoll li kemm Ħal Lija u l-Iklin ser jingħataw kumpens ta' siġar.

## 63.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

63.5.1 Is-Segretarju spjegat fuq il-query li s-Sinjorina Lorraine Farrugia biex tingħata Taxxa lura fejn l-uffiċċju tal-Kunsill irid jimla l-FS4 għal kull Kunsillier.

63.5.2 Is-Segretarju kompliet tgħid li fl-aħħar tas-sena għandha tittieħed l-FS4 flimkien ma' l-FS3 u timtela il-formola tat-taxxa.

63.5.3 Is-Segretarju kompliet tinforma lill-Kunsilliera li bil-liġi t-taxxa dejjem trid tinqata bit-20%u meta ssir l-applikazzjoni biex tingħata refund mit-Taxxa iridu jiġu ppreżentati irċevuti fiskali ta' kif ikunu ntnefaq l-allowance fir-rigward tal-bżonnijiet tal-Kunsill.

## 63.6 FESTA TAS-SALVATUR 2017

63.6.1 Il-Kumitat tal-Festi Esterni għal din is-sena ukoll qegħdin jerġgħu jagħmlu request lill-Kunsill Lokali biex fis-27 ta' Lulju 2017, u mill- 1 t'Awwissu 2017 sa 06 t'Awwissu 2017 isiru No Parking Signs mis-6:00p.m. sa 12:00a.m. kif ukoll tingħalaq il-pjazza bejn 6:00p.m. – 12:00a.m. ukoll.

63.6.2 Il-Kunsill kollu qabel li l-pjazza għandha tingħalaq wara l-quddiesa fis-7:30p.m. u mhux fis-6:30p.m.

63.6.3 Għas-sena d-dieħla, irid jiġi iċċekkjat biex l-armar tal-pjanċir ma jintremax kmieni.

63.6.4 Is-Segretarju tat rendikont ta' kemm saru permessi għal l-imwejjed u siġġijiet għal bars u l-każini sa dakinhar. Labour Party 15 *tables and chairs*, *Pizza Oven* & Bar għal 04, 05 u 06 t'Awwissu. Torri Confectionery 10 *tables and chairs* & *Oven* għal 04, 05 u 06 t'Awwissu. Tal-Villagg 6 *tables and chairs* mit- 3 t'Awwissu sa 06 t'Awwissu. Is-Sur Johann tal-villagg jixtieq jagħmel request għal no parking sign eżatt il-parking ta' quddiem il-ħanut tiegħu għal dawn il-ġranet tal-festa għaliex inkella ma jkunx jista jarma dawn l-imwejjed. Il-ħinijiet ta' dan ir-request huma mit-03t'Awwissu sa 05 t'Awwissu 3:00p.m. – 12:00a.m. u il-Ħadd 06t'Awwissu jixtiequ l-ġurnata kollha.

63.6.5 Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jingħataw il-permessi bejn is-6:00p.m. sa nofs il-lejl għal 4 u l-5 t'Awissu u mill-10:00a.m. sas-1:00p.m. u mis-6:00p.m. sa nofs il-lejl għas-6 t'Awwissu.

63.6.6 Ġie deċiż ukoll li Tal-Villagg jarma l-imwejjed dakinhar tal-Festa filgħodu fuq il-bankina u filgħaxija jingħata permess ta' 'No Parking' u ikun jista' jarma f'dak il-parkeġġ.

63.6.7 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li hija għamlitha ċara ma min kull min applika għal l-imwejjed u siġġijiet li dak inhar tal-festa x'ħin tgħaddi l-purċissjoni kull min ikun armat taħt il-bankina irid iżarma waqt li tkun għaddejja l-purċissjoni.

63.6.8 Is-Segretarju nfurmat li l-Ħamis 25 ta' Lulju ser ikolla laqgħa ma' Salvu u Chris Galea ta' l-sweeping rigward il-Festa 2017 fejn ser jiġi preżentat lista ta' toroq minn fejn ser jgħaddu l-marċi u l-purċissjoni bid-dati ikkonċernati.

63.6.9 Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li ser toganizza laqgħa mal-Pulizija biex tikkorrdina fuq il-Festa.

63.6.10 Hija nfurmat lill-Kunsill li fit-tender tal-knis hemm *extra sweeping* bla ħlas fl-4,5 u 6 t'Awwissu.

63.6.11 Il-Kunsill enfasizza li jrid isir *extra garbage collection* f'Jum il-Festa ukoll fis-6 t'Awwissu.

63.6.12 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li ssoltu l-garbage jinġabar peress li l-Festa tiġi fost il-ġimgħa. Hija kompliet tgħid li s-sena l-oħra il-Festa kienet is-Sibt u kien ġie deċiż li l-garbage jinġabar aktar kmieni mis-soltu.

63.6.13 L-għada tal-Festa il-Ħadd il-garbage ma jinġabarx.

63.6.14 Din is-sena l-Kunsill iddeċieda li għandu jkun hemm extra sweeping it-Tnejn 7 t'Awwissu bil-lejl wara l-Festa u extra garbage collection il-Ħadd filgħodu kmieni u fl-istess ħin jinġabar il-garbage tal-bars u l-każini.

63.6.15 Is-Segretarju kkonfermat li l-bins ser jinkrew mingħand WM Environmental u ser jiġu fl-4 t'Awwissu u ser jibqgħu hemm sas-6 t'Awwissu 2017. Dawn ser jitbattlu kuljum mil-kuntrattur tad-WM Environmental.

63.6.16 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li s-Sindku ta' Melitello ser jasal Malta lejliet il-Festa fil-5 t'Awwissu wara li hija flimkien mal-Kunsill iddeċidew li jistednuh. Hija nfurmat li ibbukkjatlu kamra deluxe il-Corinthia Hotel Ħ'Attard bi prezz ta' €175 *on b & b basis*. Dan il-prezz ingħata b'*discount*.

63.6.17 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija ġiet mistiedna għal Festa tas-Salvatur ġo Melitello bejn is-16 u 18 t'Awwissu. Hija għada ma kkonfermat xejn.

63.6.18 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li dan is-Sindku xtaq jattendi għall-Pontifikal, il-paniġirku ta' nhar il-Festa.

63.6.19 Hija xtaqet li tistiednu fl-uffiċċju tal-Kunsill biex jiltaqa' mal-Kunsilliera.

63.6.20 Ġie deċiż li dan is-Sindku jiġi mistieden ghal 'drink' u biex jiltaqa mal-kunsilliera lejliet il-Festa fis-5 t'Awwissu 2017 fis-6.00p.m. fl-uffiċċju tal-Kunsill u s-Sindku ser tieħu ħsieb kollox hi.

63.6.21 Hija għandha tiċċekkja jekk is-Sindku ta' Melitello ikollux ħin għal din l-attivita u jekk le il-laqgħa mal-Kunsilliera ssir il-Ħadd tal-Festa wara il-paniġierku fuq iz-zuntier tal-Knisja.

63.6.22Is-Sindku għandha tinforma lill-Kunsilliera kif ser jissuġġedu l-affarijiet.

63.6.23Is-Sindku S-Sinjura Magda Magri Naudi qed tissuġerixxi lill-Kunsill jekk għandix tiġi ppreżentata plakka, bħala rikordju tal-Kunsill, biex tiġi ppreżentata lis-Sindku ta' Melitello.

63.6.24Il-Kunsill qabel dwar dan u s-Sindku ser tieħu ħsieb biex tordna.

63.6.25 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill korrispondenza mingħand resident fuq l-għeluq tat-toroq fi żmien il-Festa.

63.6.26 Il-Kunsill iddiskuta din l-ittra u s-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li hija ser tagħmel laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija biex tiddiskuti l-'One Way' ta' Triq Sir Ugo Mifsud u Triq Sir Ugo Mifsud , l-area tal-Mirakli u Ta' Senna.

63.6.27 Il-Kunsill iddeċieda li għandna ngħidu lill-Pulizija biex jissorvelja in-naħa ta' Senna minħabba l-kiosks peress li l-Kunsill ma ħariġx permessi.

63.6.28 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi reġgħet qajmet il-kwistjoni tar-request tal-Każin PN biex jinħarġu *bistro tables* għas-sena kollha.

63.6.29 Bħala Kunsill iddeċieda li fejn ma jkunx hemm ostaklu għan-nies u fejn in-nies jitħallew jgħaddu bil-pushchair komdi, il-Kunsill ser jagħti permess għal żewġ bistro jew cocktail tables mingħajr siġġijiet għal-sena u jiġi rivedut wara sena għal prezz ta' €5.00 kull xahar kull mejda.

63.6.30 Is-Segretarju nfurmat li l-fee għal dawn l-imwejjed hija ta' €2.33 kull mejda kuljum pero l-Kunsill jaqbel li peress li din il-fee hija għal sena għandu jkun hemm fee standard.

63.6.31 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar, xorta waħda ma qablitx għal l-aħħar fuq din id-deċiżjoni peresss li jista jinħoloq preċedent.

63.6.32 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li qed timtela l-formola biex naplikaw għall-fondi għall-festival taċ-Ċitru s-sena d-dieħla u għal sentejn ta' wara li ser issir f'Tal-Mirakli.

63.6.33 Hija kompliet titkellem fuq il-kuntatti li għamlet u li għada qed tagħmel għal dan l-avveniment annwali li jinkludi 'Taverna Dancers' minn Għawdex, l-Accordian Band lesti biex jieħdu sehem ukoll, kif ukoll bil-parteċipazzjoni tal-Banda San Pio X, *exhibition* fil-Mitħna u affarijiet oħra.

63.6.34 Barra minn hekk intbagħtet applikazzjoni biex jittieħdu fondi fuq l-International Organ Festival biex il-Kunsill jippromovi t-2018 fil-villaġġi.

63.6.35 Din l-attivita ssir bejn Novembru u Diċembru 2018, 2019 u 2020 u jiġu il-Baroche Organ.

63.6.36 Il-kunċerti jsiru fil-knejjes u fid-2019 il-kunċert ser isir fil-Knisja l-kbira peress li hemm ċentinarju.

63.6.37 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, spjegat lill-Kunsill fuq il-€100,000 fondi mir-Reġjun Ċentru li għandhom jintnefqu fuq *resurfacing* tat-toroq bejn it-tlettax il-Kunsilli tar-Reġjun Ċentru, min hu interessat.

63.6.38 Is-Sindku spjegat li 11 il-Kunsill applikaw għal dawn il-fondi imma l-fatt li xorta waħda il-Kunsill irid joħroġ il-kumplament tal-fondi hu flimkien ma' l-ispejjes tal-Perit pero xorta waħda tefa' l-applikazzjoni mingħajr il-costings tal-Perit pero din ġiet skuolifikata.

63.6.39 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill ukoll li r-Reġjun ukoll applika għal EU funds ma' l-iskola, sociologists, social services u sar ħafna xogħol mal-kappillan, ma' l-iskola u mal-Kunsilli.

63.6.40 Dan il-proġett ser jiswa ħafna pero il-fondi ittieħdu, f'€50,000 li ser jintnefqu naqra naqra f'konsulent li taħdem mal-Kunsilli kollha.

63.6.41 Dan il-konsulent ser jitqassam mal-Kunsilli Lokali kollha tar-Regjun Ċentru.

## 63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

63.7.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2017, imma skeda tal-petty Cash ma ġietx ppreżentata peress li ma sarx pagament.

63.7.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia m'approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.

63.7.3 Fuq proposta tas-Sur Stephanie Cutajar sekondata mis-Sur Massimo Scerri, il-pagamenti ġew approvati unanimament.

## 63.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

63.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-07.45p.m. hu ġiet aġġornata għal nhar L-Erbgħa 30 ta' Awwissu 2017, fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |